# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 2 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Adrian Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 927/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adrian Zammit detentur ta' karta ta' identita numru 191395M.

Akkuzat talli f'xi hin fil-ghodu tad-29 ta' Settembru 2015, minn gewwa il-Golden 7 Triq il-Wied Msida, kkommetta serq ta' tmien kaxxa birra u zewg laned juice ghad-detriment ta' Amir Fareed u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 264, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju ta' probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**